

Brussell, 19 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5531/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0011 (NLE)

ECOFIN 56
FIN 59
UEM 21

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Jannar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 37 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 10158/21; ST 10158/21 ADD 1) dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-Ġermanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 37 final.

Mehmuż: COM(2023) 37 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.1.2023
COM(2023) 37 final

2023/0011 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 10158/21; ST 10158/21 ADD
1) dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-
Ġermanja**

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 10158/21; ST 10158/21 ADD 1) dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal- Ġermanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Ġermanja fit-28 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021².
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fid-9 ta' Diċembru 2022, il-Ġermanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 filwaqt li tqis li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq din il-bażi, il-Ġermanja ppreżentat RRP emendat.
- (4) L-RRP emendat ippreżentat mill-Ġermanja jaffettwa żewġ miżuri. L-ewwel, l-investment 2.2.4 Promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-linji ferrovjarji billi jiġu sostitwiti programmi konvenzjonali ta' lokkjatura/aċċelerazzjoni biex titħaffef l-introduzzjoni ta' "Digital Rail Germany" (SLP) taħt il-Komponent 2.2 Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija u l-mira bin-numru sekwenzjali 72. It-tieni, l-investment 5.1.3 Programm speċjali biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini meħtieġa b'mod urġenti kontra s-SARS-CoV-2 taħt il-Komponent 5.1 Tisħiħ

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17. .

² ST 10158/21; ST 10158/21 ADD 1, għadha mhijiex ippubblikata.

ta' sistema tal-kura tas-saħħa reżiljenti għall-pandemija u miri bin-numri sekwenzjali 105 u 106.

- (5) L-investment 2.2.4 jikkonsisti fil-finanzjament ta' seba' proġetti pilota, li għandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet biex jissostitwixxu l-kaxxi tas-sinjali ferrovjarji qodma u s-sistemi ta' protezzjoni tal-passaġġi invell b'sistemi ta' sigurtà tal-aħħar ġenerazzjoni diġitali. L-RRP emendat ippreżentat mill-Ġermanja jibdel l-iskeda ta' żmien prevista għall-implimentazzjoni għal wieħed mis-seba' proġetti, SLP Ansbach, minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-Ġermanja spjegat li dewmien eċċezzjonali li seħħ matul il-kostruzzjoni wassal biex il-mira bin-numru sekwenzjali 72 ma setgħetx tinkiseb b'mod sħiħ fl-iskeda ta' żmien prevista. Dan id-dewmien huwa relatat mas-sejba ta' kontaminazzjonijiet moħbija fl-art, segwita mis-sejba ta' bombi u munizzjon li rriżultaw fil-ħtieġa li tinbidel it-teknoloġija tal-kostruzzjoni, u fl-aħħar nett it-temperaturi estremament għoljin tas-sajf fl-2022, li xekklu x-xogħlijiet qrib u taħt il-binarji. Fuq din il-bażi, il-Ġermanja talbet li l-proġett SLP Ansbach jitneħħa mill-mira bin-numru sekwenzjali 72 mistenni li jitlesta fir-raba' trimestru tal-2021 u tressaq mira ġdida 72A, li mistennija titlesta sal-ewwel trimestru tal-2023, għall-implimentazzjoni ta' dak il-proġett.
- (6) L-oġġettivi tal-investment 5.1.3 huma l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp tal-vaċċini kontra s-SARS-CoV-2 sabiex jitnaqqsu s-severità u d-durata tal-pandemija. L-investment jikkonsisti f'appoġġ finanzjarju lill-produtturi Ġermaniżi tal-vaċċini biex iżidu l-kapaċità tal-iżvilupp u tal-produzzjoni tagħhom, u biex iżidu l-għadd ta' pazjenti għall-fażijiet tal-provi kliniċi. L-RRP emendat ippreżentat mill-Ġermanja jimmodifika l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-miżura minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-Ġermanja ċċarat li wieħed mit-tliet produtturi tal-vaċċini li pparteċipaw fil-programm ta' appoġġ speċjali kien irnexxielu kemm fir-riċerka kif ukoll fit-tnedija tal-vaċċin, filwaqt li ż-żewġ parteċipanti l-oħra ma ppreżentawx applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-vaċċin rispettiv tagħhom lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. Dan għamilha impossibbli li l-mira bin-numru sekwenzjali 105 tintlaħaq totalment. Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li filwaqt li tliet kumpaniji kienu rċeview finanzjament taħt il-programm, produttur wieħed tal-vaċċini rtira mill-proċess ta' approvazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u ieħor ġarrab dewmien importanti fil-kisba ta' stadji importanti definiti minn qabel marbuta mal-istadji tal-iżvilupp tal-vaċċin (bħall-approvazzjoni ta' fażi speċifika ta' provi kliniċi jew l-awtorizzazzjoni tal-vaċċin) u lanqas ma ppreżenta għall-approvazzjoni. Il-Ġermanja ddikjarat ukoll li l-iżborż tal-programm ta' aktar minn EUR 591 281 160 ma jistax jintlaħaq, u b'hekk il-mira bin-numru sekwenzjali 106 ma tistax tintlaħaq totalment aktar. Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li titħassar il-mira bin-numru sekwenzjali 105, li kienet tirrikjedi li parteċipant ieħor taħt il-programm speċjali ta' riċerka jissottometti applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' vaċċin kontra s-SARS-CoV-2 lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. Il-Ġermanja talbet ukoll li tiġi mmodifikata l-mira bin-numru sekwenzjali 106 billi l-ammont totali allokat għall-miżura jiġi rivedut 'l isfel minn EUR 750 000 000 għal EUR 591 000 000, kif ukoll billi tiġi riveduta 'l isfel il-mira tal-iżborż relatata. Dan l-ammont ta' EUR 591 000 000 jitqies bħala l-kost kumplessiv stmat tal-miżura. Jenħtieġ li jitqies il-kost totali stmat imnaqqas tal-RRP biex tiġi determinata l-kontribuzzjoni finanzjarja, f'konformità mal-Artikolu 20(4) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (7) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Ġermanja jiġġustifikaw emenda skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-

koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

- (8) Il-modifika limitata ħafna mressqa mill-Ġermanja ma taffettwax ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP.
- (9) Il-kriterji ta' valutazzjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b) (c), (d), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k) tar-Regolament (UE) 2021/241, għadhom qed jiġu rispettati, minħabba n-natura mmirata tal-modifiki mressqa mill-Ġermanja, relatati biss mal-modifika parzjali ta' żewġ miżuri. Lil hinn minn din l-emenda mmirata, il-Ġermanja kkonfermat bil-miktub lill-Kummissjoni li beħsiebha titlob aġġornament komprensiv tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 fir-rebbiegħa tal-2023, li jindirizza l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, u li jkun proporzjonat għall-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli disponibbli għall-Ġermanja skont ir-Regolament (UE) 2021/241 mit-30 ta' Ġunju 2022.
- (10) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP emendat tal-Ġermanja bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-emendi għar-riformi u għall-proġetti ta' investiment meħtieġa biex jitqies l-RRP emendat.
- (11) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Ġermanja huma ta' EUR 26 360 114 773³. Billi l-RRP emendat jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi dan l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa iktar baxx mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Ġermanja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP emendat tal-Ġermanja tkun daqs il-kost totali stmat tal-pjan.
- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Ġermanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-

³ Il-Ġermanja ppreżentat żewġ stimi tal-kostijiet. Il-valur gross tal-RRP emendat ta' EUR 27 790 882 000 jinkludi l-VAT għal xi miżuri, filwaqt li valur nett ta' mill-inqas EUR 26 359 833 613 jeskludi l-VAT.

istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ġermanja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 26 359 833 613 ¹². Ammont ta' EUR 16 291 323 631 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Ammont ta' EUR 10 068 509 982 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Ġermanja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

(3) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) Taqsima 1: Ir-Riformi u l-Investimenti taħt il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; E. Komponent 2.2: Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija; E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura 2.2.4 Investment: Promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji billi jiġu sostitwiti l-programmi konvenzjonali ta' lokkjatura/aċċelerazzjoni biex titħaffef l-introduzzjoni tad-“Digital Rail Germany” (SLP), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej: “L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.”

(ii) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; E. Komponent 2.2: Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija; E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, ir-ringiela 72 hija sostitwita b'dan li ġej:

72	2.2.4 Promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-linji ferrovjarji billi jiġu sostitwiti l-programmi konvenzjonali ta' lokkjatura/aċċelerazzjoni biex titħaffef l-introduzzjoni tad-“Digital Rail	Mira	Tlestija b'suċċess tal-proġetti pilota	-	Għadd ta' proġetti pilota li tlestew	0	6	Q4	2021	Sitt proġetti pilota tal-programm, li għandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet biex jissostitwixxu l-kaxxi tas-sinjali qodma u s-sistemi ta' protezzjoni tal-passaġġi invell b'sistemi ta'
----	--	------	--	---	--------------------------------------	---	---	----	------	---

¹² Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja mingħajr tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Ġermanja tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

	Germany”										sigurtà tal-aħħar ġenerazzjoni diġitali tlestew b’suċċess, b’validazzjoni f’kundizzjoniji et operazzjonali għal mill-inqas tlieta minnhom, u validazzjoni f’kundizzjoniji et tal-laboratorju għall-oħrajn.
--	----------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--

(iii) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; E. Komponent 2.2: Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija; E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, wara r-ringiela 72, tiddaħħal ir-ringiela 72A li ġejja:

72A	2.2.4 Promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-linji ferrovjarji billi jiġu sostitwiti l-programmi konvenzjonali ta’ lokkjuratura/aċċelerazzjoni biex titħaffef l-introduzzjoni tad-“Digital Rail Germany”	Mira	Tlestija b’suċċess tal-proġett pilota finali	-	Għad ta’ proġetti pilota li tlestew	6	7	Q1	2023	Il-proġett pilota finali tal-programm tlesta b’suċċess b’validazzjoni f’kundizzjoniji et operazzjonali.
-----	---	------	--	---	-------------------------------------	---	---	----	------	---

(iv) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; H. Komponent 5.1 Tisħiħ ta’ Sistema tal-kura tas-saħħa reżiljenti għall-pandemija; H.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, titħassar ir-ringiela 105.

(v) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; H. Komponent 5.1 Tisħiħ ta’ Sistema tal-kura tas-saħħa reżiljenti għall-pandemija; H.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, ir-ringiela 106 hija sostitwita b’dan li ġej:

106	5.1.3 Programm	Mira	Żbor	-	EUR	0	5	Q	20	Mill-EUR 591
-----	----------------	------	------	---	-----	---	---	---	----	--------------

	speċjali biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini meħtieġa b'mod urġenti kontra s-SARS-CoV-2		ż ta' mill-inqas EUR 561 450 000 għar-riċerka dwar il-vaċċini appoġġata minn dan il-programm speċjali	miljun i		6 1, 4 5	3	22	000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 561 450 000 (95 % tal-finanzjament totali) ġew żborżati lill-benefiċjarji għar-riċerka dwar il-vaċċini.
--	--	--	---	----------	--	-------------------	---	----	---

(vi) fil-punt 2, Stima tal-kost totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, is-subparagrafu “Il-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja huwa ta’ EUR 26 518 833 613 ¹⁷, li huwa oġġha mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima.” huwa sostitwit b’dan li ġej: “Il-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja huwa ta’ EUR 26 359 833 613.

(b) fit-Taqsima 2: Appoġġ finanzjarju huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.1 L-ewwel ħlas parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), titħassar ir-ringiela 105.

(ii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.1 L-ewwel ħlas parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 4 500 328 548” fl-aħħar ringiela u l-kolonna huwa sostitwit b’“EUR 4 344 763 676”;

(iii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.2 It-tieni ħlas parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), tiddaħħal ir-ringiela l-ġdida li ġejja wara r-ringiela 63:

72A	2.2.4 Promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-linji ferrovjarji billi jiġu sostitwiti l-programmi konvenzjonali ta’ lokkjatura/aċċelerazzjoni biex titħaffef l-introduzzjoni tad-“Digital Rail	Mira	Tlestija b’suċċess tal-proġett finali
-----	--	------	---------------------------------------

¹⁷ Il-Ġermanja ppreżentat żewġ stimi tal-kostijiet. Il-valur gross tal-RRP emendat ta’ EUR 27 790 882 000 jinkludi l-VAT għal xi miżuri, filwaqt li valur nett ta’ mill-inqas EUR 26 359 833 613 jeskludi l-VAT.

	Germany”		
--	----------	--	--

(iv) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.2 It-tieni ħlas parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), ir-ringiela 106 tiġi sostitwita b’dan li ġej:

106	5.1.3 Programm speċjali biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta’ vaċċini meħtieġa b’mod urġenti kontra s-SARS-CoV-2	Mira	Żborż ta’ mill-inqas EUR 561 450 000 għar-riċerka dwar il-vaċċini appoġġata minn dan il-programm speċjali
-----	---	------	---

(v) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.2 It-tieni ħlas parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 7 284 486 130” fl-aħħar ringiela u l-kolonna huwa sostitwit b’“EUR 7 531 239 794”;

(vi) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.3 It-tielet ħlas parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 6 639 217 950” fl-aħħar ringiela u l-kolonna huwa sostitwit b’“EUR 6 857 606 743”;

(vii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.4 Ir-raba’ ħlas parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 3 480 124 348” fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwit bi “EUR 3 698 513 141”;

(viii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, 1.5 Il-ħames ħlas parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 3 709 321 467” fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwit bi “EUR 3 927 710 259”;

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*